**19 ta' April, 1958**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Anthony Gauci et.

**Vjolazzjoni ta' Proprjetà ta' Ħadd Ieħor — Lokazzjoni — Raba' — Servitù Personali — Passaġġ — Danni.**

*Għalkemm fil-każ ta' raba', li hu ta' sid wieħed 'mqabbel għand diversi gabillotti, dawn ma jistgħux jitħaddtu minn servitujiet predjali veri u proprji, ikun hemm però, skond il-kostumanzi lokali, ċertu "modus vivendi" bejn il-gabillotti tad-diversi porzjonijiet tar-raba' li jagħti lok għall-hekk imsejħa "diritti di obligazione", sew servitujiet personali, rikonoxxuti mill-ġurisprudenza lokali f'diversi ġudikati.*

*Jekk skond dak il-"modus vivendi" ikun projbit il-passaġġ minn fuq porzjoni ta' dak ir-raba' da parti mill-gabillotti l-oħra, ikun hemm ir-reat ta' vjolazzjoni ta' proprjetà ta' ħadd ieħor, jekk huma jgħaddu minn dik il-porzjoni ta' raba'. Kieku l-imputati sofrew xi ħsara li ma kellhomx żmien materjali biex jirrimedjaw għaliha, b'mod li r-raba' tagħhom ġie għall-mument interkjuż, u allura għaddew minn fuq dak ir-raba' l-ieħor, forsi kien ikun il-każ, "in criminalibus" u apparti l-aspett ċivili, li jiġu eżonerati minn ħtija; imma jekk iċ-ċirkustanzi juru xort'oħra, allura din l-iskuża*

*ma tirrikorrix. Lanqas ma j'skuża lill-imputati l-fatt li l-mogħdija minn passaġġ ieħor li huma setgħu jipprattikaw kienet timporta inkommodu kbir minħabba d-distanza.*

*In linea ta' massima, dak li għandu l-pussess tal-fond dominanti ma jistgħax jippretendi li dak li għandu l-fond serventi jsewwi l-lok fejn għandha tiġi eżerċitata servitù ta' passaġġ da parti tal-possessur tal-fond dominanti; għax għal sid il-fond serventi s-servitù tikkonsisti "in patiendo", mentri tarreka utili lill-ieħor.*

*L-element tal-ħsara jista' jikkonsisti anki fl-invażjoni, sija pure moderata, tar-raba'; għax l-imputat f'każ simili jkun qiegħed jagħmel ħsara fis-sens li jiddisturba dak il-"modus operandi" li, kif spjegat l-ġurisprudenza, jirregola d-drittijiet tal-gabillotti f'każ ta' raba' li ma hux proprjetà tagħhom, iżda li tiegħu huma biss detenturi.*

Il-Qorti:— Rat l-imputazzjoni miġjuba mill-Pulizija quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta kontra l-imputati, talli fit-30 ta' Jannar 1958, għal xi s-7.30 a.m., daħlu fil-għalqa li qegħedha t-Torri l-Abjad, limiti tal-Mellieħa, proprjetà ta' Salvu Gauci, mingħajr il-kunsens tiegħu, u kkaġunawlu nofs lira (10s.) ħsara fix-xitel tal-piżelli;

Rat is-sentenza tas-7 ta' Marzu 1958, mogħtija minn dik il-Qorti, li biha kkundannathom għall-ħlas ta' £1 ammenda kull wieħed;

Rat ir-rikors li bih l-imputati appellaw mid-deċiżjoni fuq imsemmija u talbu li tiġi revokata, u li huma jiġu liberati;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Mix-xhieda stess taż-żewġ imputati jirriżulta li huma għaddew, bir-riġel u bil-bhima, mix-xifer tal-għalqa ta' Salvu Gauci minħabba li biċċa mill-mogħdija kienet ħadi-tha x-xita;

Għalkemm fil-każ ta' dan ir-raba', li hu tal-Gvern, mentri l-imputati u l-gabillotti l-oħra huma biss detenturi, wieħed ma jistgħax jitħaddet minn servitujiet predjali veri u proprji, iżda jkun hemm, skond il-kostumanzi lokali, ċertu "modus vivendi" bejn il-gabillotti tad-diversi porzjonijiet ta' raba', li jagħti lok għall-hekk imsejħa "diritti di obbligazione" jew "servitujiet personali", rikonoxxuti mill-ġurisprudenza lokali f'diversi ġudikati;

Issa, kieku kien il-kas ta' ħsara li l-imputati ma kellhomx żmien materjali biex jirrimedjaw għaliha, u b'mod li r-raba' tagħhom ġie għall-mument interkluż, forsi kien ikun il-każ, "in criminalibus", u apparti l-aspett ċivili, li jiġu eżonerati mill-ħtija. Imma ċ-ċirkustanzi ma jurux dan. "Ex confessis", il-wied kien ilu li ħa dik il-biċċa mogħdija xi xahrejn, Mhux biss, imma l-imputati għandhom mogħdija oħra mill-lvant, li setgħu jipprattikaw. Hu veru li jista' jkun li dan il-passaġġ l-ieħor jimporta inkommodu akbar minħabba d-distanza, iżda dak li jissejjaħ "eccessivo dispendio e disagio", f'din il-materja, hu fattur li jitqies f'każ ta' raba' li hu interkluż; u "in ogni caso" hu fattur li għandu jiġi valjat mit-tribunal ċivili, u mhux riżolut b'arbitriju tal-interessat għad-dannu tal-porzjon ta' raba' serventi;

L-imputati rrilevaw li l-passaġġ ma ssewwiex. Din l-oġġezzjoni tagħhom hi superata bir-rifless li, in linea ta' massima, ma jistgħax dak li għandu l-pussess tal-fond dominanti jippretendi li dak li għandu l-fond serventi jsewwi l-lok tas-servitù, li għalieh tikkonsisti "in patiendo", mentri tarreka utili lill-ieħor (ara b'analoġija para. 113 Coen, voce "Servitù");

L-imputati kkontestaw anki l-ħsara. Iżda din setgħet kienet mhux biss fix-xitel tal-piżelli, imma anki fil-fatt li bl-invażjoni, sija pure moderata, tar-raba' ta' Salvu Gauci, l-imputati kienu qegħedin jagħmlulu ħsara fis-sens li kienu qegħdin jiddisturbaw dak il-"modus operandi" li, kif spjegat il-ġurisprudenza, jirregola d-drittijiet tal-gabillotti f'każ ta' raba' li ma hux proprjetà tagħhom, iżda li tiegħu huma biss detenturi. F'każijiet simili, il-gabillott jirreaġixxi prontament, għax jibża li bit-tolleranza tiegħu, kif jgħidu, "jitrabba l-ġust"; u hu dan il-fattur li jeskludi li l-

każ, avvolja ħafif, jitqies mill-Qorti bħala każ "ad aemulationem";

Għalhekk din il-Qorti tiddeċidi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.